MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 227/2002/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance kif surrogati fid-drittijiet ta' Carmel Vella u l-istess Carmel Vella**

**vs**

**Robert Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Jannar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'April tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat :

1. Ihallas lil Untours Insurance Agents Ltd noe. s-somma ta’ Lm1849.07 u lil Carmel Vella Lm25 – in linea ta’ danni in segwitu ghal incident stradali li sehh Bormla fit-12 ta’ Novembru 1998 bejn car nru EAD- 456 misjuqa minnu u car BAA-365 misjuqa minn Carmel Vella u assikurata b’polza comprehensive mas-socjeta’ attrici assikuratrici. Prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Novembru 2000 u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-AVVIZ kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-10 ta’ Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti skond l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex l-ewwel ittra ufficcjali giet prezentata fit-13 ta’ Novembru 2000 u l-incident in kwistjoni fit-12 ta’ Novembru 1998;

2. Subordinarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex ghall-incident in kwistjoni ma jahtix il-konvenut imma l-attur Carmel Vella li qabad u hareg mill-gate tad-Dockyard ghal go triq principali minghajr ma ha il-prekawzjonijiet necessarji;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal datat l-14 ta’ Mejju tas-sena 2002 fejn in vista ta’ l-ewwel eccezzjoni preliminari ordnat l-inversjoni tal-provi;

Semghet ix-xhud prodott;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti ezawrjenti tal-partijiet fir-rigward;

Rat il-verbal datat it-23 t’Ottubru tas-sena 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni preliminari jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-kollizzjoni in dizamina sehhet fit-12 ta’ Novembru ta’ l-1998;

2. Illi l-konvenut isostni li qatt ma accetta responsabbilta’ ghall-akkadut;

3. Illi mill-ittra ufficjali mibghuta mill-attur Carmel Vella lill-konvenut Robert Azzopardi jirrizulta li l-konvenut hawn indikat kien innotifikat bl-istess fl-1 ta’ Dicembru tas-sena 2000;

4. Illi jirrizulta li l-ittra ufficjali in dizamina gietipprezentata fl-atti tar-Registru ta’ din il-qorti u giet ukoll imhallsa zieda fit-30 ta’ l-istess xahar; (ara fol 11);

Illi l-konvenut qed jeccepixxi preliminarjament il-preskrizzjoni biennali a bazi ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 senjatament:

“L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn”;

Illi hu pacifiku mill-fatti kif fuq sintetikament rilevati li mid-data ta’ l-incident in dizamina sad-data li fiha l-konvenut gie notifikat b’ittra ufficcjali ghadda perjodu ta’ aktar minn sentejn;

Illi issa jonqos jigi determinat jekk matul dan il-perjodu il-preskrizzjoni gietx interrota b’xi mod rikonoxxut mill-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikoli 2128 tal-Kap 16 jghid testwalment hekk:

“Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom;”

Illi f’dan ir-rigward ma jirrizultax li l-konvenut kien fil-perjodu effettiv gie notifikat b’att gudizzjarju li kellu l-iskop intiz fl-artikolu 2128 tal-Kap 16 fuq indikat;

Illi d-dokumenti a fol 19 u 20 ma jikkwalifikawx bhala atti gudizzjarji;

Illi in oltre fid-deposizzjoni guramentata tieghu l-konvenut isostni li l-ittra ufficcjali fuq riferita kienet l-unika dokument ufficjali li rcieva rigward il-kaz odjern – apparti ovvjament l-avviz li ta’ bidu ghall-procedura odjerna.

Ghaldaqstant din il-Qorti hi soddisfatta li l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut giet ppruvata u konsegwentement tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta, bl-ispejjez kontra l-atturi.”

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b’din id-decizjoni. Hi tillanja, mhux minghajr gustifikazzjoni, illi l-ewwel Qorti injorat is-sottomissjonijiet minnha mressqa dwar jekk ghal kaz kelliex tapplika preskrizzjoni xort’ohra minn dik fis-sentenza appellata stabbilita.

Issa s-socjeta` appellanti qed tibbaza l-aggravju taghha fuq l-assunt illi meta l-konvenut affida l-kaz f’idejn l-assikuraturi tieghu u dawn bdew jipprocessaw id-danni inholoq b’konsegwenza rapport kontrattwali bejniethom u allura bis-sahha tal-Kap 104 tnisslet relazzjoni guridika wkoll bejnhom u l-istess socjeta` appellanti. Hi tinvesti din ir-relazzjoni guridika bhala wahda kontrattwali u, konsegwentement, tikkontendi illi z-zmien preskrittiv ghall-estinzjoni tal-azzjoni hi dik kwinkwennali.

Jekk dan il-presuppost jigi accettat allura konformament ma’ gurisprudenza pacifika ghandu jigi rikonoxxut illi “quella prescrizione di due anni stabbilita dell’art. 1917 non riguarda le azioni per risarcimento di danni derivanti da dolo e colpa contrattuale” (**Vol XXVI pI p54**) in kwantu “e` invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli effetti del contratto” (**Vol XIX pIII p106**; **Vol XXIX pI p1340**).

Tajjeb li jigi osservat illi kif drabi ohra ntqal mhux eskluz fit-teorija li s-sitwazzjoni koncepita mis-socjeta` appellanti tista’ tinholoq fejn id-danneggjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaguna l-hsara jidhlu f’relazzjoni diretta bejniethom, li bhala rizultat taghha, s-socjeta` assikuratrici tassumi pjenament ir-responsabilita` ghall-hlas tad-danni, u dana bl-accettazzjoni da parte tad-danneggjat li jehles lil min kien ikkagunalu l-hsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jehtieg li jkun esplicitu, car u univoku u maghmul fil-forma li tezigi l-ligi. Ftehim li jrid ukoll isir in osservanza tal-provvedimenti tal-Kap 104. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet “**Joseph Mallia –vs- Joseph Falzon et**”, Appell, Sede Inferjuri 31 ta’ Lulju 1996.

Minn dan huwa desumibbli illi r-rapport kontrattwali jinholoq bejn it-third party u l-assikurazzjoni tad-danneggjant in kwantu r-relazzjoni bejn l-istess third party u d-danneggjant tibqa’ wahda naxxenti minn kwazi delitt. Dan hu wkoll il-hsieb li jemergi mis-sentenza kwotata mill-istess socjeta` appellanti u li tinsab riportata a **Vol XXXVII pI p140**.

Fiha gie ritenut illi meta l-kumpanija assikuratrici tircievi l-claim mit-third party, tipprocessah, u tistabilixxi l-ammont tal-indennizz allura bejn il-kumpanija assikuratrici u t-third party jinholoq rapport gdid, dak cjoe`, li l-kumpanija jekk ikun il-kaz, thallas it-third party in bazi ghal polza tas-sikurta`. Huwa f’dan li l-posizzjoni guridika tghaddi mill-fazi ta’ azzjoni ‘ex delicto’ ghal dik ta’ adempiment jew inadempiment kontrattwali, li minnha tista’ tohrog l-azzjoni ‘ex contractu’ li hija preskrivibbli zmien hames snin.

Issa apparti l-iskarsita` tal-provi, fil-kaz prezenti ma jidherx li jista' konvincevolment jinghad illi jezisti rapport bhal dak appena deskritt fil-kaz in diskussjoni. Mill-korrispondenza esebita (fol 19 u 20) mhux biss ma jirrizultax illi s-socjeta` assiguratrici tal-appellat ma accettat l-ebda responsabilita` talli addirittura ippretendiet illi l-assigurat tas-socjeta` appellanti kien fi htija ghall-incident. Li jfisser illi gjaladarba ma tezisti l-ebda dikjarazzjoni ta' responsabilita`, la konfessata jew b'sentenza, allura l-ebda rapport dirett jew indirett ma nholoq bejn il-persuna danneggjata u l-kumpanija assikuratrici. Il-fatt illi l-kumpanija assikuratrici, li mhiex parti in kawza, bdiet tezamina l-claim f'isem il-konvenut assigurat ma jgibx 'ut sic' il-holqien ta' rapport guridiku gdid, meta dak l-istess ezami ma wassal ghall-ebda vinkolu jew ftehim.

Kif taraha din il-Qorti l-materja kienet, u baqghet, wahda ta' kolpa akwiljana u ta' danni skaturati minn rapport extra-kontrattwali u l-ksur tad-dover generali tan-'neminem laedere', kombinat man-negligenza taht l-Artikoli 1032 u 1033 tal-Kodici Civili. Hi allura l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Art 2153 tal-Kodici Civili li tikkolpixxi "l'azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risarcimento del danno contrattuale, soggetta quest'ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto (**Vol XXVIII pI p726**).

Biex tinholoq relazzjoni kontrattwali jehtieg jew li jkun hemm <u>rikonoxximent ta' responsabilita`</u> ghall-akkadut da parti ta' min ikkaguna d-danni jew li jkun hemm <u>assunzjoni tar-responsabilita`</u> ghar-rizarciment ta' dawk id-danni minn terza persuna in forza ta' xi kuntratt anke antecedenti ghall-akkadut bhal ma hu l-kuntratt ta' assigurazzjoni. Hekk irragunat il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tas-6 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Busuttil -vs- Avukat Dottor John Mamo noe**".

Mill-provi skarsi akkwiziti f'dan il-kaz l-ebda wahda minn dawn l-alternattivi ma tissussisti. Konsegwentement in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula l-appell kif interpost ma jistghax jircievi favur.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-aggravju sottomess mis-socjeta` attrici appellanti u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------